Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10462 — H&F/zooplus)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 367/08)

1. Fis-6 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Hellman & Friedman LLC ("H & F", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— zooplus AG ("zooplus", il-Ġermanja).

H&F takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' zooplus kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— H&F: ditta ta' ekwità privata b'investimenti f'varjetà ta' setturi madwar id-dinja, inkluż software, internet u media, servizzi finanzjarji, negozju u servizzi ta' informazzjoni, enerġija u industrijali, bejgħ bl-imnut u konsumatur, u kura tas-saħħa;

— zooplus: bejgħ bl-imnut online ta' provvisti għall-annimali domestiċi permezz ta' ħwienet fuq il-web lokalizzati u fuq livell nazzjonali madwar 30 pajjiż taż-ŻEE. Il-firxa ta' prodotti mibjugħa miż-zooplus tinkludi madwar 8 000 oġġett tal-ikel u aċċessorju fil-kategoriji tal-klieb, tal-qtates, tal-annimali żgħar, tal-għasafar, tal-akkwarju u taż-żwiemel.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10462 — H&F/zooplus

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.